# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 9**

**Avviz numru 46/01/SM**

**T.C.G. Company Limited**

**vs**

**Av. Dr. Joseph M. Sammut kuratur deputat biex jirrapprezenta l-interessi ta' l-assenti Ali Mohammed El Sanusi b'digriet tas-7 ta' Frar tas-sena 2001.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma in linea ta' danni li tigi likwidata minn din l-Onorabbli**

**Qorti, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominandi, rapprezentanti l-valur ta' hsarat u/jew nuqqasijiet li nstabu fil-fond "Villa Bramcote", Upper Gardens, Swieqi, f'eghluq il-perjodu illi fih hu kien qed jokkupa l-istess fond b'titolu ta' kera mghotija lilu mis-socjeta' attrici, dana kollu prevja dikjarazzjoni li hu responsabbli ghall-istess hsarat u/jew nuqqasijiet hawn fuq spjegati;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment kontra tieghu, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

3. **Illi ghall-fini ta' kompetenza, is-socjeta' attrici tiddikjara illi l-valur kumplessiv tad-danni pretizi mis-socjeta' attrici ma humiex inferjuri ghall-Lm250.00,0 u lanqas ma jeccedu l-LM1000.00,0;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha l-kuratur deputat nominat sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-konvenut assenti eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi huwa m'humiex edott mill-fatti u jirrizerva li jecepixxi ulterjorment eccezzjonijiet ohra;**

2. **Illi huwa jitlob lill-attur jghidlu l-post fejn jista' jikkumunika mal-konvenuta;**

**Semghet ix-xhieda attrici prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Hadet konjizzjoni tal-fatt li l-kuratur deputat, ghalkemm kellu rizervat ghalieh hin adegwat biex ipprezenta x-xhieda tieghu naqas milli jaghmel dan minghajr ma ta l-ebda raguni;**

**Illi ghalhekk issa l-qorti qeghedha f'posizzjoni li tiddelibera fir-rigward;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi tramite skrittura privata datata l-14 ta' Settembru ta' l-1999, is-socjeta' attrici kriet il-fond "Villa Bramcote", Upper Gardens, Swieqi, lil Ali Mohammed Sanussi ghall-perjodu ta' sena (1) mit-18 ta' Settembru ta' l-1999, versu l-canone ta' mitejn u hamsa u sebghin Lira Maltin fix-xahar, pagabbli xahrejn bil-quddiem;**

2. **Illi kondizzjonijiet ohra huma dettaljatament elenkati fl-istess skrittura, (ara fol 20);**

3. **Illi meta l-perjodu tal-kirja de quo skada l-partijiet qabblu li l-kirja tiggedded ghall-perjodu ta' tlett xhur ohra;**

4. **Illi meta l-konvenut assenti eventwalment ivvaka l-fond de quo u rapprezentant tas-socjeta' attrici mar jispezzjona l-istess fond, dan sabu f'kondizzjoni pessima, (ara dokumenti A – K annessi ma l-avviz odjern);**

5. **Illi l-hsara globali ikkagunata mill-konvenut assenti tammonta ghall-erba' mija u sitta u sittin Lira Maltin u disa' u tletin centezmu, (LM466.39,0);**

6. **Illi ghalkemm saru tentattivi biex is-socjeta' attrici tigi rizarcita ta' dawn id-danni, jirrizulta li dawn kienu infruttiferi u konsegwentement kellha tittiehed din il-procedura;**

**kkonsidrat:**

**Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenut assenti hu responsabbli ghad-danni riskontrati fil-fond meritu ta' din il-procedura u konsegwentement:**

1. **Tiddikjarah responsabbli ghad-danni indikati fl-avviz odjern fuq il-fond "Villa Bramcote", Upper**

**Gardens, Swieqi, mikrija lill-konvenut assenti mis-socjeta' attrici;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' erba' mija sitta u sittin Lira Maltin, u disa' u tletin centezmu, (Lm466.39,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut assenti Ali Mohammed El Sanusi kif rapprezentat b'digriet taghha datat is-7 ta' Frar tas-sena 2001 minn Dr. Joseph M. Sammut bhala kuratur deputat biex jghamel tajjeb ghad-danni hekk likwidati minhu kkagunati, bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**